MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1408/2001/1

**Citadel insurance PLC kif surrogata fid-drittijiet ta' RMF Limited u l-istess RMF Limited**

**vs**

**Andrew Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm278.00), in kwantu ghal mitejn u hamsa u sittin lira Maltija (Lm265.00) spejjez ta' riparazzjoni fuq vettura RMF 004 li minnhom hamsa u ghoxrin (Lm25.00) thallsu minn RMF Limited bhala 'excess'; u in kwantu ghall-tlett liri Maltin (Lm3.00) ghar-Road Accident Report; u ghaxar liri Maltin (Lm10.00) ghas-Survey Report, wara l-incident stradali tal-5 ta' Jannar 2000 f'Mosta Road, San Pawl**

**il-Bahar, bejn vettura RMF-004 misjuqa minn Raymond Debono u vettura KCY-962 misjuqa mill-konvenut..**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru, 2001 u ta' l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment mal-avviz u bl-imghax.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-28 ta' Novembru, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi:**
**i. il-konvenut ma kellu l-ebda htija ghall-incident li sehh fil-5 ta' Jannar, 2000;**
**ii. Minghajr pregudizzju ghall-premess il-hsarat pretizi mill-atturi huma esagerati u mhux dovuti;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba ikun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1422 Joe Mercieca, Mark Axiaq, Andrew Pace, Raymond Debono, Carmel D'Alfonso. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Jannar, 2000, fis-1.15pm., f'Mosta Road kantuniera ma' Triq Jean de la Vallette, San Pawl il-Bahar. Il-vetturi involuti fil-kollizjoni kienu l-vann pick-up numru ta' registrazzjoni RMF-004 misjuq minn Raymond Debono impjegat mas-socjeta` attrici, u l-vettura "coach" bin-numru ta' registrazzjoni KCY-962 misjuqa mill-konvenut Andrew Pace.**
**2. Jirrizulta li ma sarx sketch peress illi l-vetturi ccaqalqu wara l-incident.**
**3. Raymond Debono, li jahdem ma' RMF Limited, dak in-nhar ta' l-incident kien qed isuq pick-up van ta' l-istess socjeta`, kien qed jittowja karrozza, meta infaqat ic-cinga, u ghalhekk nizzel il-karrozza mal-genb tat-triq, u saq ghall-go Triq Jean De La Vallette bil-"frame" tal-pick-up imnizzel. L-imsemmi frame jidher li baqa' jisporgi, anke aktar minn zewg piedi,**

**ghall-got-triq principali, pero` karrozzi setghu jghaddu. F’waqt minnhom skond Debono beda jtella l-frame, u ghadda il-konvenut vicin tal-bankina u laqat il-frame bil-hubcup. Debono waqa u wegga’ saqajh bil-“frame”.**

**4. Il-konvenut qal li ra hadida ma’ l-art u qala l-barra biex ma jolqotiex, u kif ghadda sema’ hoss u sab li l-“frame” tat-tow truck laqatlu mal-hubcup. Li l-‘frame” kien sporgut il-barra hu konfermat mix-xhud Carmel D’Alfonso, passiggier mal-konvenut., tant li dan qal li l-konvenut daqq il-horn. Skond l-istess xhud il-hadida kienet qed tistrih ma’ l-art meta bdew ghaddejjin.**

**5. Fic-cirkostanzi huwa verosimili li Debono fil-fatt beda jgholli l-“frame” waqt li kien ghaddej il-konvenut, ghax li kieku dan gholliha qabel kien jolqtu fuq quddiem u mhux fuq il-hubcup. Definitivament kien hemm negligenza da parti tas-sewwieq tal-pick-up li halla l-frame jisporgi got-triq u li ma kienx attent li meta jibda jtella l-“frame’ jara li satgha jaghmel hekk minghajr perikolu ghall-vetturi ghaddejjin fit-triq principali. Il-konvenut da parti tieghu kien konxju tal-“frame” prezenti fit-triq, tant li paqpaq u kiser il-barra biex jipprova jevitaha. Hija plawsibbli il-versjoni li fil-fatt l-“frame” tela’ waqt li l-konvenut kien ghaddej. Kien in-nuqqas ta’ l-attur, kemm li halla l-“frame” sporgut il-barra, kif ukoll li tella’ l-“frame” waqt li l-coach kien ghaddej. Ghalhekk il-konvenut ma ghandu ebda tort ghall-eventwali kollizjoni li grat u konsegwentement ma ghandu jbati ebda danni.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament s-sewwieq tas-socjeta` attrici, t-Tribunal qed jichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-atturi skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**